## MALTA

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**Dr. Anna Mallia**

Seduta tal-04 ta' Mejju, 2016

TalbaNumru: 433/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 11

**Mobisle Communications Limited – C 24655 u b'digriet tal-05 ta' Frar 2016 s-Socjeta' GO plc (C- C22334) assumiet l-atti f'din it-talba minflok is-Socjeta' Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Fra Diego, Marsa MRS 1501**

**vs**

**Victoria Galli Ebejer (ID 235976M)**
**Flat 3, Blokk J, Bieb B,**
**Triq Francesco Balbi,**
**San Giljan.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-27 ta' Mejju, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma t'elf disa` mija u wiehed u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€1,931.36c) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizzi ta' kommunikazzjoni moghtija mis-Socjeta' attrici lill-konvenuta.

Ra mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenuta fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf disa` mija u wiehed u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€1,931.36c) bl-imghax legali kontra l-konvenuta sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**